MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 339/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Raymond Tong**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta' Jannar, 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u wiehed u tletin liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm331.24) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21451711.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza kontra l-konvenut.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tliet mija u wiehed u tletin liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm331.24), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------